# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Ottubru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru 620/90DS**

Alfred Gatt bhala rapprezentant tas-socjeta` Galdes & Mamo Ltd u dina bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Ltd surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta` Angelo Vella Ltd., u b'nota tal-25 ta' April

2000 is-socjeta` Gasan Mamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Galdes and Mamo Insurance Agency Ltd u dana in rapprezentanza tas-socjeta` assiguratrici estera Royal International insurance Holdings Limited kif surrogata

vs

Joseph Apps in rapprezentanza tas-socjeta` SEA MALTA Company Ltd.

u

Godwin Abela u Lawrence Lautier bhala diretturi u in rapprezentanza tal-Kumpanija The Cargo Handling Co Ltd

Illum, 26 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Gunju 1990 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta" Angelo Vella Ltd. Importat mill-Belgium partita ta' "bundle Hot Rolled Heavy Plates" li 6 (sitta) waslu Malta fuq il-vapur KALE kif jirrizulta mill-polza Kariku Dok. A.

Illi meta il-partita giet skarikata u kunsenjata lill-importatur irrizulta li minn dawn il-bundles, li b'kollox kellhom mija u erba' u sittin (164) sheets (skond il-Packing List Dok. B), erba' u tletin (34) wahda huma neqsin.

Illi ghal dan in-nuqqas l-assikurazzjoni, kif kienet obbligata hallset kumpens ta' seba' mija u erba' liri Maltin (Lm704.00) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat.

Illi l-konvenuti nomine, jew min minnhom, huwa responsabbli ghal dan in-nuqqas.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine, jew min minnhom, responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat, u

2. tikkundannahom ihallsu s-somma ta' Lm704.00 in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine, b-interessi mid-data tal-pagament indikata fis-surroga maghmaula mill-attur nomine.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti nomine li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela et nomine fejn qalu:

1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretta kontra s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd., huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza, s-socjeta konvenuta ma' hija bl-ebda mod risponsabbli ghall-allegat nuqqas fil-merkanzija "de quo".

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-ecezzjonijiet tal-konvenut Joseph Apps nomine fejn qal:

Fl-ewwel lok in-nullita tan-notifika stante li fic-citazzjoni fuqha notifikata ma tidhirx il-korrezzjoni ordnata minn dina l-Onorabbli Qorti;

Fil-mertu li s-socjeta' minnhu rrapresentata kkonsenjat il-merkanzija kollha fl-istat li rcevjeta u ghalhekk ma hix responsabbli ghad-danni;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Apps nomine tas-6 ta' Mejju 1992 ipprezentata mill-Profs. Dr. Ian Refalo fejn irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat id-digriet tas-27 ta' April 1995 li permezz tieghu gie mahtur l-assistant gudizzjarju l-Avukat Dottor Paul Caruana Curran biex jisma' l-provi;

Rat il-verbali kollha tax-xhieda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda talba maghmula mis-socjeta` assikuratrici attrici ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilta` u hlas ta' danni fl-ammont ta' Lm704 fil-konfront tal-konvenuti nomine jew min minnhom ghal nuqqas ta' merkanzija importata mis-socjeta` importatrici Angelo Vella Ltd. fuq il-vapur KALE li wasal Malta lejn l-ahhar ta' Gunju 1989 - skond id-Dok. F esebit mill-attur

nomine fl-24 ta' Gunju 1989. Minn dan l-istess dokument, li huwa *Customs Entry for Free Goods*, jirrizulta *a retro* li l-merkanzija giet rilaxxata fil-25 ta' Lulju 1989. Minn dan l-istess dokument ukoll jirrizulta notament fuq quddiem tieghu li kien hemm *34 plates short*. Difatti Francis Meilaq, impjegat mas-socjeta` Angelo Vella Ltd. xehed (fl-24 ta' Frar 1993) li meta rtiraw il-merkanzija sabu n-nuqqas in kwistjoni. Huma rtirawha minghand is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. Sar *claim* mas-socjeta` assikuratrici li halset is-somma ta' Lm704 in soddisfazzjon tal-*claim*.

Is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. cahdet kull responsabbilta` ghan-nuqqas u fid-dikjarazzjoni guramentata taghha qalet li n-nuqqas allegat qed jigi investigat mill-Pulizija u jkun biss skond ir-rizultanzi ta' dawk l-investigazzjonijiet li jista' jigi stabbilit min huwa responsabbli ghan-nuqqas. Is-socjeta` konvenuta Sea Malta Co. Ltd. ukoll cahdet responsabbilta` u li kkonsenjat il-merkanzija fl-istat li rcevietha, u fid-dikjarazzjoni guramentata taghha specifikat li kkonsenjat dak kollu li kienet inkarigata ggorr.

Il-kopja tal-polza ta' kariku relattiva (Dok. A a fol. 5 tal-process) hija *clean bill of lading*, cioe` m'hemm l-ebda rimarka fuqha. U mill-*packing list* (dok. B a fol. 5A tal-process) jidher li l-merkanzija ntbaghtet kollha. Fl-assenza ta' prova kuntrarja ghalhekk jidher li n-nuqqas sehh fil-perijodu bejn li l-merkanzija giet karikata fuq il-vapur u r-rilaxx lis-socjeta` lokali importatrici.

Ir-ricerka ghar-responsabilta' hija dejjem riducibbli ghall-ezami ta' zewg mumenti fokali:

(1) meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment ghal dik li hija r-responsabilta' ta' l-armatur, u
(2) meta l-merkanzija tigi kkonsenjata lill-importatur mid-Dwana ghal dik li hija r-responsabilta' tal-*Cargo Handling*.

Ghaz-zewg mumenti fokali hemm il-prova dokumentarja li ghandha *juris tantum* tkun deciziva. Meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment jigi kkompilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord – it-*tally sheet*; u ghat-tieni mument, qabel il-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi kkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja certifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi – l-*Gate Pass Out*. Il-partijiet ghandhom l-opportunita' *a tempo vergine* fil-kompilazzjoni ta' dawn id-dokumenti li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Dawn id-dokumenti ghandhom ghalhekk ikunu prova tal-kontenut ta' dak illi gie ddikjarat. Tali prova tista' tigi ribattuta bi provi li jridu jkunu ferm konvincenti biex jigi annullat il-valur probatorju taghhom.

Fil-kaz in ezami, ghalkemm is-socjetajiet konvenuti cahdu r-responsabbilta`, hadd minnhom ma ressaq xi wiehed mid-dokumenti msemmija, la t-*tally sheet*, li allura kien jistabilixxi l-istat tal-merkanzija fil-mument li gie skarikat, u lanqas il-*gate pass-out*, li jista' jiddetermina l-istat tal-merkanzija fil-mument tar-rilaxx – ghalkemm f'dan ir-rigward id-Dok. F fuq imsemmi jippreciza n-nuqqas relattiv. Huwa veru li fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2000 mizmuma quddiem l-assistant gudizzjarju Dr. Doreen Clarke ghas-socjeta` attrici ddikjarat li l-ahhar xhud li kellha tipproduci kien il-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jesibixxi t-*tally sheets* relattivi ghall-merkanzija in kwistjoni u dan peress li jirrizulta li t-*tally sheets* kienu gew elevati mill-Pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet taghhom u li minn informazzjoni moghtija mill-Pulizija jirrizulta li dawn it-*tally sheets* ma jistghux jinstabu. Izda anke jekk stess il-Pulizija elevat it-*tally sheets*, il-Qorti ma jidhrilhiex li s-socjetajiet konvenuti ma kinux izommu kopja taghhom qabel ma jirrilaxxjawhom lill-Pulizija. Fi kwalunkwe kaz, in vista tal-fatt li kienu huma li cahdu r-responsabbilta`, u stabbilit li l-merkanzija giet karikata fuq il-vapur, kien jispetta lilhom in sostenn ta' l-eccezzjonijiet taghhom li jressqu l-provi relattivi, inkluzi t-*tally sheets* rilevanti ghall-kaz.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja da parti tas-socjetajiet konvenuti, huwa gust li ghandhom jinzammu responsabbli t-tnejn

ghan-nuqqas in kwistjoni u jhallsu d-danni konsegwenti fi proporzjon indaqs, cioe` nofs kull wiehed.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici, u ghalhekk:

(1) tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti responsabbli fi proporzjon ta' nofs kull wiehed ghan-nuqqas fuq indikat, u

(2) tikkundannahom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm352 kull wiehed minnhom bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez li jithallsu bin-nofs bejn is-socjetajiet konvenuti.

Onor. Imhallef

Dottor David Scicluna

D/Registratur